**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

George Camilleri

*versus*

Direttur tar-Reġistru Pubbliku

# Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili - Ġurisdizzjoni - Materja ta' Ordni Pubbliku

*Il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili tista' tordna biss li jsiru korrezzjonijiet ta' reġistrazzjoni li tkun korrezzjoni ta' indikazzjoni żbaljata u li tali indikazzjoni trid tkun tirriżulta mad-daqqa t'għajn miċ-ċertifikat meta dan ikun ġie reġistrat. Altrimenti ma jkunx korrett li wieħed jitkellem dwar il-korrezzjoni ta' żball.*

*Materja ta' ġurisdizzjoni ta' Qorti hi materja ta' ordni pubbliku li bl-ebda mod ma tista' tiġi estiża jew mibdula la mill-istess Qorti u lanqas bi ftehim mal-partijiet interessati. Dak li l-Qorti tiddeċidi oltre l-kompetenza tagħha kif lilha mogħtija bil-liġi hu bla ebda effett.*

Il-Qorti:-

Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku interpona dan ir-rikors ta' appell minn deċiżjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili:

"Rikors tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku:

Jesponi bir-rispett:

Illi fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Marzu, 1996 deher bin-numru 339 li fih dan li ġej:

339

Ikun jaf kullħadd illi bis-setgħat mogħtija lilna bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti ta' Reviżjoni *ta'* l-Attijiet Nutarili b'digriet tat-18 ta' Jannar, 1996, ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid ta' George Camilleri li jġib in-numru 3877 tas-sena 1969 billi ssir annotazzjoni fis-sens illi mill-15 ta' Jannar, 1992 minħabba intervent kirurġiku, l-imsemmi George Camilleri akkwista sess femminili u għalhekk hija magħrufa bħala "Yana Camilleri". Reġistru tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Att Nutarili, illum, 20 ta' Frar, 1996;

Illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħossu aggravat b'dan id-drigriet u minnu qed jinterponi dan l-umli appell;

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Attijiet Nutarili m'għandha ebda kompetenza li tordna bdil fid-deskrizzjoni tas-sess ta' l-individwu meta din il-korrezzjoni tkun qed issir abbażi ta' intervent kirurġiku u mhux sempliċement għax kien hemm xi żball fortuwitu huwa u qed jiġi redatt l-Att tat-Twelid. Dak li għamlet il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili jmur 'l hemm mill-kompetenza tagħha kif tidher fl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivilli;

Għaldaqstant l-esponent qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti biex tħassar u tirrevoka d-digriet mogħti mill-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili stante li din qatt ma kellha l-kompetenza neċessarja skond il-liġi biex tagħti t-tali digriet";

L-appellat issottometta b'referenza għall-eċċezzjoni dwar il-validità tar-rikors ta' appell tad-Direttur tar-Reġistru

Pubbliku li f'dan il-każ "l-appellant mhux biss irrimetta ruħu għal kull deċiżjoni li seta' jogħġobha tagħti l-Qorti tal-Maġistrati imma talli ssuġġerixxa x'digriet kellu jingħata u l-Qorti mxiet fuq is-suġġeriment tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Hu għamel referenza għas-sentenza ta' din il-qorti fl-ismijiet **Prokuratur Legali Adrian Borg** ***nomine vs*** **Alfred Fenech** ***et nomine*** deċiża fid-9 ta' Mejju, *1994*. Hu iċċita dik is-sentenza li qalet illi "billi għat-talba li għamel l-attur ... il-konvenuti rrimettew ruħhom - dan l-atteġġjament mhux kompatibbli ma' dan l-appell għaliex remissjoni hija sottomissjoni u mhux oppożizzjoni. Rilevanti hawn il-massima *consensus tollit errores*;

Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għamel rikjam għall-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili li jirregola l-kompetenza tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutariliu li jispeċifika f'liema ċirkostanzi kien indikat li talba għall-korrezzjoni ta' annotazzjonijiet żbaljati f'ċertifikati ta' l-istat ċivili ta' persuna setgħet issir quddiem *dik il-Qorti. Hu jissottometti illi mill-*ewwel kliem ta' dak l-artikolu jidher li l-leġislatur ried li f'ċerti ċirkostanzi wieħed kellu jagħmel azzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u li l-fattispeċi quddiem il-Qorti kienu proprju uħud minn dawk il-każijiet li hekk il-liġi tirrikjedi. Ikompli l-appellant:

"liema *iter* wieħed jagħżel hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u lanqas jekk il-partijiet jaqblu bejniethom ma jista' xi ġudikant imur oltre l-poteri li tagħtih il-liġi f'dik li hija kompetenza la bi qbil u lanqas b'remissjoni għall-ġudizzju tal-Qorti ma jista' wieħed jittendi l-parametri tal-kompetenza li joħorġu *mil-liġi*";

F'dan il-kuntest allura s-sentenza li għaliha għamel referenza l-appellat ma kellha l-ebda rilevanza għax kienet

tirrigwarda mertu li kien jaqa' fil-kompetenza ta' dik il-qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili;

L-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jimmerita li jiġi akkolt. Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Għandu jiġi qabel xejn stabbilit illi d-digriet tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili jiddikjara illi "bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili" hi "ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid ta' George Camilleri ... billi ssir annotazzjoni fis-sens illi ... minħabba intervent kirurġiku l-imsemmi George Camilleri akkwista sess femminil u għalhekk hija magħrufa bħala Yana Camilleri";

Jidher allura li l-Qorti ta' Reviżjoni qed tiddikjara li dak li ordnat hi setgħet tordnah bis-setgħat mogħtija lilha bil-liġi u ċjoè li dak li ddisponiet kien jaqa' fil-kompetenza u fil-poteri tagħha. Issa hu ċar mill-artikolu 257 tal-Kap. 16 minnha ċitat illi din il-kompetenza u dawn il-poteri dik il-Qorti m'għandhiex. Il-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti hi ddelineata fis-subinċiż 1 ta' dak l-artikolu f'dawn it-termini:

"B'dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet ta' l-aħħar erba' artikoli qabel dan, il-korrezzjoni ta' reġistrazzjoni li tkun korrezzjoni ta' indikazzjoni żbaljata ta' xi wieħed jew iżjed mill-ħwejjeġ imsemmijin (dettalji f'ċertifikati ta' l-Istat Ċivili) ... tista' ukoll issir fuq ordni magħmul bil-miktub minn wieħed mill-viżitaturi ta' l-att nutarili";

Hu immedjatament ovvju u dan għandu jkun paċifiku illi dik il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili tista' biss tordna li jsiru korrezzjonijiet ta' reġistrazzjoni li tkun korrezzjoni ta' indikazzjoni żbaljata u li tali indikazzjoni żbaljata trid tkun tirriżulta *on the face* taċ-ċertifikat meta dan ikun ġie reġistrat.

Altrimenti ma jkunx korrett li wieħed jitkellem dwar il-korrezzjoni ta' żball;

Issa mid-digriet appellat innifsu hu manifest illi meta ġie reġistrat it-twelid fl-att ta' l-istat ta' l-appellat dan ma kien fih ebda żball. Tant li kien biss wara li sar l-intervent kirurġiku li avverat ruħha ċ-ċirkostanza li l-appellat "akkwista" sess femminili. Tant hu hekk illi l-istess digriet jirrikonoxxi li l-Qorti ma setgħet tagħmel l-ebda korrezzjoni taċ-ċertifikat ta' l-att tat-twelid tiegħu imma kellha tillimita ruħha li tordna li ssir annotazzjoni fl-istess ċertifikat biex tireġistra dak il-fatt storiku ta' intervent kirurġiku li seħħ wara t-twelid. Annotazzjoni li ċertament tmur lil hinn mill-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti li ma kellhiex il-*vires* li hekk tiddekreta. Rilevanti d-diċitura użata mill-Maġistrat fid-digriet tiegħu tat-18 ta' Jannar, 1996 li jibda bil-kliem:

"Tiċħad it-talba għall-korrezzjoni kif mitlub iżda tornda li a tergo taċ-ċertifikat tat-twelid eċċ";

Il-Qorti stess alura qed tiddikjara li ma kien hemm lok għall-ebda korrezzjoni u allura minn din id-dikjarazzjoni stess hu manifest li dik il-Qorti kienet qed tmur oltre dik il-ġurisdizzjoni li kellha u li tagħtiha l-liġi;

Kif sewwa ssottometta l-appellant Direttur tar-Reġistru Pubbliku materja ta' ġurisdizzjoni ta' Qorti hi materja ta' ordni pubbliku li bl-ebda mod ma tista' tiġi estiża jew mibdula la mill-istess Qorti u lanqas bi ftehim mal-partijiet interessati. Dak li l-Qorti tiddeċidi oltre l-kompetenza tagħha kif lilha mogħtija bil-liġu hu bla ebda effett. Din il-Qorti tinnota ukoll li mhux preċiż li jingħad illi d-Direttur irrimetta ruħu għal kwalsiasi deċiżjoni tal-Qorti bla ebda riserva. Għal kuntrarju d-Direttur għamilha mill-ewwel ċara illi hu qed jirrileva illi:

"il-liġi viġenti ma tipprovdix mezz biex wieħed ibiddel status ta' persuna minn raġel għal mara sakemm dan ma jkunx żball fl-istess att tat-twelid ċjoè illi bi żball tniżżlet tarbija ta' sess maskili flok femminili b'mod allura illi ċ-ċertifikat tat-twelid ma jkunx jirrifletti l-fatt storiku li ġara fit-twelid tal-persuna li dwarha sar l-iżball";

Żball illi l-Qorti tar-Reviżjoni irravviżat li ma kienx hemm tant li ċaħdet it-talba għall-korrezzjoni. Minn dan kollu għandu jkun ċar illi għalkemm formalment id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bħala proċedura rimetta ruħu fis-sens li ma kienx qed jaġixxi in kontestazzjoni tal-parti l-oħra u ħalla fil-ġudizzju tal-Qorti kif kellha tiddeċidi, hu ħa l-prekawzjoni debita u f'waqtha li jattira l-attenzjoni tal-Qorti għall-istat tal-liġi kif kien sal-lum. Rikjam li d-Direttur kellu kull raġun jaħseb li kien ser jiġi notat u konsegwentement il-liġi kienet ser tiġi segwita;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tirrevoka d-digriet tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili tat-18 ta' jannar, 1996 b'dan ir-rikors appellat. L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.

---